MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 700/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Imdat Ascan**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm238.47) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 7813/7814 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Frar, 2003 u Gunju, 2003;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm238.47), bl-imghaxijiet legali mil-5 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------